**Kunsill Lokali IL-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A01-12

2 t' April 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/01**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tlieta 3 t'April 2012, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

1. Aċċettazzjoni tal-Kariga tas-Sindku
2. Aċċettazzjoni tal-Kariga tal-Viċi-Sindku
3. Tqassim ta' Responsabbilitajiet

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Rowena M. Borg B.A. Dip.Mgmt. M.I.M
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

11 t' April 2012

Ref Nru.Klg6/001

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/001 li saret it-Tlieta 3 t'April 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja l-Avukat Ian Micallef ta' l-Ġurament tal-Ħatra lis-Sinjuri Joe Camilleri u Victor Rutter bħala Kunsillieri ta' dan il-Kunsill Lokali.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, l-Kunsillieri Roberto Cristiano, Joe Galea, Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Victor Rutter u Joseph Muscat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attenda għall-ewwel parti tal-laqgħa, l-Kummissarju tal-Ġustizzja, l-Avukat Ian Micallef.

***Chairman***

Il-Kunsilliera Vincenza Attard bħala l-aktar membru anzjan ppresediet il-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-2 t' April 2012.

**1. Aċċettazzjoni tal-Kariga tas-Sindku**

Il-Kunsilliera Vincenza Attard irringrazzjat lill-membri preżenti u tagħat merħba għas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill Lokali.

Hi talbet lis-Sur Roberto Cristiano bħala l-Kunsillier li ġab l-aktar ammont ta' voti mill-Partit maġġoritarju, jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku.

Filwaqt li s-Sur Cristiano wieġeb fl-affermattiv, ġie mistieden jiffirma l-ittra t'aċċettazzjoni.

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja l-Avukat Ian Micallef prosegwa billi ta' l-ġurament tal-ħatra lil Roberto Cristiano bħala Sindku ta' din il-lokalita'.

Il-membri preżenti taw l-awguri tagħhom lis-Sindku Roberto Cristiano li ħa postu bħala *Chairman* u kompla jmexxi l-laqgħa billi għadda għat-tieni *item* fuq l-Aġenda.

**2. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku**

**2.1** Iċ-*Chairman* staqsa lis-Sur Joe Galea bħala t-tieni l-aktar persuna li ġab voti mill-Partit maġġoritarju jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku.

Is-Sur Galea wieġeb fl-affermattiv u ffirma l-ittra t'aċċettazzjoni bħala Viċi-Sindku.

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja ta' l-ġurament tal-ħatra ta' Viċi-Sindku lis-Sur Joe Galea.

Iċ-*Chairman*, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri rringrazzjaw lill-Kummissarju tal-Ġustizzja li ħareġ mill-laqgħa fil-5.50 p.m.

Iċ-*Chairman* qal, li qabel ma kien ser jipprosegwi bit-tielet *item* xtaq, li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-membri li servew fil-leġislatura preċedenti kif ukoll, awguri ta' fejqan ta' malajr lil ex kunsillier Anthony Grech.

**3. Tqassim ta' Responsabbiltajiet**

**3.1** Iċ-*Chairman* qal, li parti mill-responsabbilta' tiegħu kienet li jassenja r-responsabbiltajiet lill-membri kollha u għalhekk, ipprosegwa billi nforma li:

- bħala Sindku kien ser ikun responsabbli miż-żgħażagħ, kultura, proġetti ta' l-Unjoni Ewropea, relazzjonijiet pubbliċi, konsultazzjoni pubblika u Kumitat tar-Reġjun
- l-Viċi-Sindku kien ser ikun responsabbli mill-Infrastruttura u s-*Self-Employed*
- l-Kunsilliera Vincenza Attard ser tkun responsabbli mill-Inklużżjoni Soċjali u Anżjani
- l-Kunsillier Joe Camilleri ser ikun responsabbli mill-Ambjent, Traffiku u Ordni Pubblika

- l-Kunsillier Charles Micallef St.John ser ikun responsabbli mill-Attivitajiet u relazzjonijiet mal-Għaqdiet u t-Turiżmu

- l-Kunsillier Victor Rutter ser ikun responsabbli mill-I*sport*

- l-Kunsillier Joseph Muscat ser ikun responsabbli mill-Edukazzjoni

Filwaqt li ta' spjegazzjoni tar-responsabbiltajiet kif assenjati nforma, li kopja aktar dettaljata kien ser jgħaddiha lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiġi annetta mal-minuti (ara *appendix* nru 1).

Hu kompla billi qal, li l-awgurju tiegħu hu, li dan il-Kunsill Lokali jaħdem kollettivament bħala *team* wieħed aktar milli maġġoranza u minoranza madanakollu, hu konsapevoli li ser ikun hemm diverġenzi t'opinjonijiet li jirriflettu differenzi ta' l-espressjoni tal-vot għal liema ċirkostanzi jappella li għandu jkun hemm xorta waħda r-rispett lejn il-persuna.

F'dan l-istadju stieden lill-membri preżenti jressqu l-kummenti tagħhom.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal, li hu jaqbel ma' l-assenjar tar-responsabbilitajiet u mal-mod ta' kif kienu tmexew l-affarijiet. Hu kondivida l-awgurju tas-Sindku sabiex is-seba' membri eletti jaħdmu flimkien u fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil ta' ideat għandu dejjem jibqa' r-rispett lejn il-persuna fattur, li bħala nies maturi li jgawdu r-rispett tal-pubbliku li eleġijhom kien tal-fehma, li ma kienitx ser tkun problema biex tkun attwali.

Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Victor Rutter u Joseph Muscat qablu ma' dak li kien għadu kif ġie espress u l-Kunsillier Joseph Muscat ikkonkluda billi qal, li l-ideat għandhom jitressqu quddiem il-Kunsill sabiex kull membru jkollu ċans jesprimi l-opinjoni tiegħu.

Filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv awgurat lill-membri kollha nfurmat, li għaddiet kopja tal-liġi konsolidata dwar il-Kunsilli Lokali.

**3.2** Ġa la darba ma kienx hemm aktar punti għad-diskussjoni, l-laqgħa ntemmet fis-6.15 p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 11 t'April 2012.

Roberto Cristiano
Sindku

Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv